MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 1236/2005

**Cleland & Souchet Limited (C24996)**

**Vs**

**Vladimir u Elena konjugi Soprunoskiy**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti hlas wara bejgh ta' inbid kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li qalu li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati stante li l-kuntratt ta' bejgh ma giex esegwit mis-socjeta' attrici meta naqset milli tikkonsenja l-fliexken ta' l-inbid fi zmien ragunevoli.
Ra l-Kontro-Talba fejn il-konvenuti talbu l-ammont ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) li hallsu bhala depozitu.

Ra r-Risposta tal-Kontro-Talba fejn is-socjeta' attrici qalet li wettqet id-dmirijiet taghha skond il-ftehim u li kienu l-konvenuti li naqsu milli jiehdu l-konsenja tal-merkanzija minnhom ordnata.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi skond ix-xhieda ta' Richard Cleland qatt ma kien hemm ftehim dwar meta ezattament kellu jkun hemm konsenja ta' inbid u li l-konvenut qatt ma talab tali konsenja.

Illi l-konvenuti naqsu li jixhdu f'din il-kawza.

Illi malli sar ftehim fuq l-oggett u l-prezz, il-bejgh gie kkompletat u l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu l-ammont dovut. (Ara Artikolu 1347 tal-Kodici Civili).

Illi l-konvenuti naqsu li jgibu l-provi li kien hemm xi ftehim dwar il-konsenja f'xi zmien partikolari. Naqsu li jesebixxu xi ittri fejn talbu li jircievu l-inbid ordnat.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 1130 (2) tal-Kodici Civili jekk ma kienx hemm ftehim dwar iz-zmien tal-konsenja l-konvenuti setghu pprezentaw att gudizzjarju.

Illi skond Richard Cleland il-konvenut qatt ma qal lis-socjeta' attrici li kellu xi bzonn partikolari li jiehu konsenja qabel certu data.

Illi l-konvenuti naqsu li jikkontestaw ix-xhieda ta' Richard Cleland.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-Risposta, jichad il-Kontro-Talba u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (17 ta' Gunju, 2005).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------